MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Numru 615/1997

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexandra Farrugia Mamo**

**vs**

**Michael Angelo Fenech**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Michael Angelo Fenech ta' 49 sena, iben Nazzareno u Mary nee' Caruana, imwieled Marsaxlokk fis-25 ta' April 1947 u residenti numru 1, Marina Alley 3, Kalkara u detentur tal-karta tal-identita' numru 440647(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer, f’ dawn l-ahhar snin, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda:

a. Appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor, u cioe’ flus li jappartjenu lill-kumpanija Fopblend Company Ltd. u persuni ohra, liema flus jammontaw ghal aktar minn Lm1,000, liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat u dan ir-reat sar meta l-istess flus gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, dan bi ksur ta’ l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. B’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn Lm1,000 ghad-dannu ta’ Fopblend Company Limited, Alfred Fenech u persuni ohra, dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 27 ta’ Dicembru 2001 (esebita a fol. 718 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a) fl-Artikolu 18, 293, 294, 308, 309, 310, 17(b) (h),20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tad-28 ta’ Mejju 2008, l-imputat iddikjara li hu m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' misapproprjazzjoni u truffa kontemplati fl-Artikoli 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn il-proceduri inbdew wara li l-Pulizija rceviet rapport minghand Michael Fenech, in-neputi tal-imputat, u minghand missieru Alfred Fenech, ghan-nom ta' Fopblend Company Limited, fejn kien qed jigi allegat li l-imputat kien ha somma flus ammontanti ghal madwar Lm30,000 mill-kontijiet tal-kumpanijia u qeghdhom fil-kontijiet tieghu personali.

Illi mill-provi rrizulta li fiz-zmien li sar ir-rapport kien hemm diversi pendenzi bejn il-partijiet, u cioe' bejn l-imputat u l-kwerelanti, u rrizulta wkoll li wara diversi tentattivi sabiex issir transazzjoni bejn il-partijiet u wara diversi nkontri fejn saru l-konteggji kollha bir-reqqa gie kkonstatat li l-kwerelanti hadu konjizzjoni ta' certu dokumentazzjoni li ma kellhomx access ghaliha qabel u wara li inghataw id-debita spjegazzjonijiet mill-imputat huma ikkonfermaw li li kieku raw din id-dokumentazzjoni qabel ma kienux jintavolaw l-kwerela li abbazi taghha nbdew il-proceduri odjerni (vide xhieda relattiva nserita a fol. 729 u 730 tal-process).

Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz jidrilha li l-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat ma gewx pruvati sal-grad rikjest mill-ligi u huwa qieghed ghalhekk jigi liberat mill-istess akkuzi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------